# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

**Rikors Ġuramentat Numru: 98/2017 SG**

**Vella Benigno**

**vs**

**WasteServ Malta Limited**

**Illum it-Tlieta, 9 ta' Frar 2021**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Benigno Vella tal-21 ta' Diċembru 2017 fejn ġie premess is-segwenti:

*"1. Illi fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-attur Benigno Vella, safa ferut per konsegwenza tal-incident li sehh fuq il-post tax-xoghol gewwa l-impjant tal-Wasteserv Malta Limited f'Tal-Kus fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex;*

*2. Illi l-incident sehh meta l-attur gie mqabbad biex imur jahdem fis-sit tal-Wasteserv Malta Limited f Tal-Kus fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex meta dan is-sit kien ghadu mhux lest. Waqt li l-attur kien qed jahdem skont struzzjonijiet moghtija lilu huwa waqa' gholi ta' madwar tlett sulari minn bokka ta' giebja li ma kellha l-ebda lqugh. Dwar dan l-incident kellhom jissejhu l haddiema tal-protezzjoni civili biex itellghu lill-attur mill-giebja. Issejhu wkoll il-Pulizija li investigaw l-incident u hargu rapport dwar l-istess incident li kopja tieghu qed tigi annessa ma din id-dikjarazzjoni guramentata bhala Dok A;*

*3. Illi per konsegwenza tal-incident hawn fuq imsemmi l-attur Benigno sive Benny Vella sofra feriti gravi f siequ x-xellugija li hallewh ibaghti minn debilita permanenti kif sejjer jirrizulta dettaljament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*4. Illi l-attur Benigno sive Benny Vella soffra danni emergenti u kif ukoll lukri cessanti per konsegwenza ta' dan l-incident;*

*5. Illi s-socjeta' konvenuta Wasteserv Malta Limited kienet unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba li l-imsemmi incident sehh tort, b'negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sahha u sigurta fuq il-post tax-xoghol da parti tal-istess socjeta' konvenuta jew rapprezentanti taghha;*

*6. Illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet interpellata permezz ta' zewg ittri ufficcjali wahda tat-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) u li kopja taghha qed tigi annessa bhala Dok B u ittra ufficcjali ohra datata tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) li qed tigi annessa bhala Dok C, kif ukoll permezz ta' diversi ittri ohra interpellatorji, sabiex tersaq ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur, l-istess socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.*

*Tghid ghalhekk l-istess socjeta' konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:*

*1. Tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident li sehh fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) fl-impjant tal-Waste Serv gewwa tal-Kus fix-Xewkija, Ghawdex u li fih wegga gravi l-attur Benigno Vella;*

*2. Tiddikjara li per konsegwenza ta' dan l-incident l-attur Benigno Vella sofra deblita permanenti f'saqajh;*

*3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur Benigno Vella billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emergenti u lukri cessanti illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal kawza;*

*4. Tikkundanna lis-socjeta' kovenuta biex thallas d-danni kif hekk likwidati.*

*Bl-imghaxijiet skont il-Ligi u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) u tlettax (13) ta' Ottubru tal-elfejn u sbatax (2017), kif ukoll ta' diversi ittri interpellatorji ohra.*

*Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa l-konvenuti qed jigu ngunti."*

Rat li l-konvenuta ma ppreżentat l-ebda risposta.

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet sottomissjonijiet da parti tar-rikorrenti.

Rat li l-intimata baqgħet ma ppreżentatx in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha.

Rat l-atti kollha ta' din il-kawża.

**Ikkunsidrat:**

**Provi prodotti**

**Joseph Cordina** xehed li huwa jaħdem mal-Wasteserv Malta Limited sa mis-sena 2010 bħala *security* iżda mniżżel bħala *sorter*. Qal li f' Otturbu 2015, kienu jaħdmu mill-Qortin tax-Xagħra, Għawdex iżda l-imgħallem tagħhom Joe Magro qalilhom biex fit-22 ta' Ottubru 2015 jirraportaw għax-xogħol f' Tal-Kus fix-Xewkija Għawdex fejn kien għaddej l-aħħar xogħol fuq il-kostruzzjoni ta' impjant ġdid tas-separazzjoni tal-iskart. Qal li dakinhar hu u sħabu marru għax-xogħol hemmhekk fejn il-kuntrattur kien għadu għaddej bix-xogħol fuq l-impjant u dan kien għadu mhux lest. Qal li kien xhur wara li huma kienu marru jaħdmu għal kollox f'dan l-impjant. Spjega li Joe MAgro kien inkariga lilu u lil Joseph Gauċi biex jitilgħu fuq kaxxa ta' trakk sabiex jwittu dak li kien qed jitfa' *shredder* fl-istess kaxxa. Spjega li din il-kaxxa kienet weħidha u li f'ħin minnhom huwa jara lil Benny Vella miexi għal pellet tal-injam li kien mgħotti biċ-chipboard. Spjega li raħ jerfgħu u jara fejn ser ipoggiħ. Spjega li raħ jagħmel pass u f' daqqa waħda dan Benny ma baqax jidher għax inbala' fl-art.

Qal li huwa niżel s-sellum u mar fuq it-toqba li fiha kien waqa' Benny Vella. Niżel kokka ħdejn it-toqbda u beda jgħajjatlu. Qal li kien hemm fond ta' madwar żewġ sulari u lil Benny seta' jarah mgħawweġ isfel tat-toqba. Qal li kompla jgħajjattlu iżda dam ftit sekondi mhux ħażin qabel ma' wieġbu. Qal li Benny beda jokrob b'siequ. Qal li huwa imbagħad mar isejjaħ l-ambulanza. Kienu tas-Civil Protection li niżlu għal Benny b' sellum twil, rabtuh u tellgħuh fejn wara ittieħed l-isptar. Qal li din kienet l-ewwel ġurnata li niżlu f' dan l-impjant u din it-toqba ma kellha l-ebda railing madwarha jew xi barriers

jew xi indikazzjoni li hemmhekk kien hemm toqba. Qal li wara l-inċident, din it-toqba u oħrajn ġew mgħottija bil-gradi tal-ħadid kif suppost u kif għadhom hekk sall-lum.

**Joseph Gauci** xehed li huwa jaħdem ma' Wasteserv Malta bħala sorter u ilu jaħdem hemm għal dawn l-aħħar sitt snin. Fl-2015, huwa kien stazzjonat fil-Qortin tax-Xagħra iżda fit-22 ta' Ottubru 2015 ġew ordnati biex jinżlu tal-Kus fix-Xewkija Għawdex biex iħaddmu *shredder*. Qal li l-impjant kien għadu qed jinbena. Dak inhar huwa rrapporta hemmhekk u wara xi siegħa li bdiet titħaddem *shredder*, huwa ġie mitlub mill-imgħallem sabiex jitilgħu fuq il-container biex iwittu l-materjal u jaraw li ma jibqa' xejn imdendel 'il barra mill-container. Dana peress li l-container kellu jintbagħat lejn Malta. Qal li hu ra lil Benny Vella b'pellet f' idejh u nieżel ġo toqba fejn sparixxa fiha. Qal li huwa ħa qatgħa u mar ħdejn din it-toqba u flimkien ma' Joe Cordina bdew isejjħu lil Benny. Qal li Benny kien qed jokrob bl-uġiegħ. Spjega li t-toqba kienet fonda bejn tmintax u għoxrin filata u kienet metro b'metur. Kienu s-civil protection li tellgħu lil Benny li imbagħad ittieħed l-isptar. Benny kien baqa' jokrob bl-uġiegħ f'saqajh u huwa kien akkumpanjah fl-ambulanza. Qal li din it-toqba u oħrajn huwa ma kienx jaf biha u ħadd ma qalilhom bihom meta niżlu l-ewwel darba fl-impjant tal-Kus. Qal li t-toqba ma kellhiex grada tal-ħadid u lanqas railing madwarha.

**Dr Joseph Rapa** spjega li huwa kien it-tabib li ra lill-attur meta daħal l-isptar fit-22 ta' Ottubru 2015. Dan kien waqa' xi bir u weġġa' siequ x-xellugija. Qal li l-pazjent kellu diformita' fl-għaksa tax-xellug flimkien ma' nefħa u tbenġila. Sibnilu frattura f' diversi għadmiet f'siequ. Kellu frattura fil-għadma fuq in-naħa ta' barra tal-għaksa, oħra fl-għadma tal-għarqub u kellu wkoll *fractured metartarsal* li huma l-għadmiet iż-żgħar fil-pala tas-sieq. Dan kien intbagħat Malta fejn ġie opeat f' siequ.

**PS 559 Jason Spiteri** xehed li huwa kien surġent tal-għassa u ġie nfurmat minn Mario Bonnici li seħħ inċident ġol-Wasteserv ix-Xewkija. X'ħin mar fuq il-post, il-vittma Benny Vella kien ġia ttieħed l-isptar. Huwa tkellem ma' Mario Bonnici u ma' ħaddiem minn tiegħu. Dan kien il-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħol. Qal li fuq il-post kien hemm ħaddiema ta' Wasteserv qed jagħmlu xogħolhom. Tkellem ma' Giovanni Amorese li huwa ħaddiem ta' Bonnici Brothers u li qal li kien hemm bokka ta' ġibja metru b' metru u kienet mgħottija b' pallet tal-injam imma l-pallet ma kinitx bil-fili kif nafuha s-soltu. Qal li kienet biċċa plywood li ma tarax minn ġo fiha u ma tarax x' hemm taħtha. Qal li Benny mar iħarrek il-pellet u hu prova javżah li taħtha hemm toqba, iżda dan laħaq waqa'. Qal li t-toqba kienet fonda u madwarha ma kienx hemm xi tip ta' railing. Din kienet fi pjanura ta' konkos ġewwa l-impjant. Spjega li meta tkellem ma' Benny, dan qallu li ried jgħaddi bil-gaffa minn hemm u mar ineħħi l-pallet min-nofs biex jgħaddi u ma kienx jaf li kien hemm toqba u lanqas seta' jara għax il-pallet ma kinitx imtaqqba.

Ikkonferma li fl-impjant kien għadu għaddej xogħol ta' kostruzzjoni. Huwa rraporta dan il-każ lil Charlon Muscat tal-OHSA. Qal li spjegawlu li l-vittma ttellgħet mit-toqba mis-Civil Protection. Qal li huwa ma ħax ritratti.

**Christopher Buttigieg** spjega li s-Civil Protection għandha l-għan li toħroġ l-*casualty* mis-sitwazzjoni li jkun u jpoġġuħ fit-triq lejn l-isptar. Qal li mir-rapport jirriżulta li kien hemm bniedem waqa' ġo bir u huma marru biex itellgħuh. Ġie meħud imbagħad b' ambulanza lejn l-isptar. L-inċident seħħ fil-Wasteserv ix-Xewkija. Fuq il-post kien hemm A.R.O Adeodato Spiteri li kien qed imexxi l-operazzjoni.

**Joseph Magro** xehed li dakinhar ta' l-inċident kien Gozo Works Co-ordinator, Operations Co-Ordinator mal-Wasteserv. Kienu għaddejjin bil-*commissioning* bejn il-kuntrattur u l-Wasteserv. Kien qed jinbena l-impjant u kienu qed isiru t-testijiet ta' x' persentaġġ u ammonti l-makkinarju jtella' fis-siegħa fl-impjant tal-Wasteserv f' tal-Kus. Tal-Kus huwa *transfer station.* Sakemm inbena l-impjant, kienu qed joperaw mill-Qortin ix-Xagħra. Qal li huwa ġie mqabbad minn COO Andrea Brincat sabiex jieħu ammont ta' ħaddiema ġewwa tal-Kus. Dawn kellhom jittieħdu fuq bażi ta' overtime. Benny Vella kien wieħed minn dawn il-ħaddiema. Benny Vella kien impjegat mal-Wasteserv.

Qal li kienu qed iqattu' *green waste*. Lil Benny Vella, li huwa *heavy plant operator*, kien qed jagħmel xi xogħol bil-lifter ma' Mario Bonnici li huwa l-kuntrattur li kien responsabbli mix-xogħolijiet. Qal li mbagħad kien qallu li kellu bżonnu biex iressqu l-compactor bil-gaffa. Qal li Benny kien jafda fuqu għax jaf xogħolu sew. Qal li huwa mar minflok Benny fuq il-lifter, meta f' daqqa waħda sema' ħafna għajjat u storbju. Qal li mbagħad Joseph Gauci nfurmah li kien seħħ l-inċident. Spjega li t-toqba kien fiha 19-il filata madwar żewġ sulari. Qal li sieq Benny ġiet f' parti li qisha tarġa. Qal li dik it-toqba kienet mgħottija b' pellet. Qal li l-bokok l-oħrajn kienu jafu bihom kollha. Qal li kien hemm extractor għax ftit qabel hemm isfel kien hemm in-nies jiksu jew inaddfu xi ħaġa. Qal li huwa ġie nfurmat li Benny mar ineħħi dik il-pallet biex jgħaddi bil-gaffa. Ikkonferma li din it-toqba ma kellhiex railings jew barriers madwarha. Sostna li l-pallet kienet bit-toqob biex tiġi ventilazzjoni minn fejn qed jiġbed l-extractor. Huwa ċaħad li kienet biċċa chipboard.

Qal li huwa ċempel lil ambulanza u lil tar-rescue. Qal li huwa nforma lil COO li ordnalu verbalment biex jinforma lil uffiċċju tal-Health and Safety tal-Wasteserv stess. Qal li meta mar l-isptar, kien hemm Joseph Gauci fejn Benny u kien hemm Margaret tal-General Workers Union. Qal li ritratti ma ttieħdux għax l-impjant ma kienx f' idejhom. Kien għad baqa' xi sentejn wara li seħħ dan l-inċident bil-commissioning tiegħu.

**David Saliba in rappreżentanza tal-OHSA** spjega li mir-riċerka li għamel, ma jirriżultax li l-Awtorita' għas-Saħħa u Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol ġiet infurmata b' l-inċident tat-22 ta' Ottubru 2015. Qal li ma hemmx files fuq Benigno Vella. Spjega li skont l-avviż legali 281 ta' 2004 tobbliga lill-klijent u ċioe' għal min qed isir ix-xogħol, biex jaħtar żewġ project supervisors, wieħed għall-fini ta' disinn għall-fini ta' health and safety u project supervisor li jkun hands on fis-sens li jrid jagħmel spezzjonijiet u jirrekordja u jirraporta n-nuqqasijiet. Il-persuna li kien responsabbli mill-Health and Safety kien Anthony Bajada bil-karta ta' l-identita' numru 22653G. Mir-records, ma jirriżultax li Anthony Bajada huwa persuna rreġistrata jew għandha xi kwalifika fil-Health and Safety. Huwa ma jafx min kien inkariga lil Bajada.

**Adeodato Spiteri** xehed li huwa ARO mas-Civil Protection. Qal li huwa kien niżel minn ġo toqba fil-Wasteserv wara rapport li kien daħal fit-22 ta' Ottubru 2015. Sabu persuna li kienet għadha f' sensiha fl-art. Qal li din il-persuna tpoġġa fuq stretcher u tellagħuha. It-toqba kienet fonda xi żewġ sulari. Kienet kbira metru b'metru. Qal li huma niżlu minn ġo toqba u sabuh taħt.

**Mario Bonnici** spjega li l-proġett tal-Wasteserv f' tal-Kus tax-Xewkija kien inħadem minn joint venture ta' Bonnici Brothers flimkien ma' kumpanija oħra Taljana. Dan l-impjant ġie kkummissjonat lil Wasteserv f' Diċembru 2015 jew 2016. Fit-22 ta' Ottubru 2015, meta seħħ dan l-inċident, huwa kien fl-impjant imma ma kienx fil-post fejn seħħ l-inċident. Qal li huwa sema' li waqa' persuna u niżel. Qal li dan waqa' ġo ħofra fl-art. Qal li ma jaħsibx li din il-ħofra kellha xi grada tal-ħadid. Qal li dawn il-ħofor kienu *manholes* tal-ġwiebi. Spjega li dawn kienu ġol-impjant stess. It-toqob kienu fondi bejn 4 u 5 metri. Qal li l-vittma ttella' mis-CPD.

**Ikkunsidrat**

Din il-kawża titratta talba għal dikjarazzjoni li s-soċjeta' konvenuta hija unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fit-22 ta' Ottubru 2015 fl-impjant ġewwa tal-Kus fix-Xewkija u li fih weġġa' l-attur, kif ukoll talba għal likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur u kundanna ta' ħlas ta' l-istess danni.

**Responsabbilita' ta' dan l-inċident**

Mill-provi prodotti mill-attur, jirriżulta li dakinhar tal-inċident l-impjant "Tal-Kus" fix-Xewkija kien għadu fil-pussess ta' *joint venture* li kien hemm bejn Bonnici Brothers u kumpannija Taljana li din il-Qorti ma ġietx mogħtija iktar dettalji dwarha u li ssemmiet mix-xhud Mario Bonnici. Irriżulta wkoll mix-xhieda ta' Mario Bonnici, li dan l-impjant għadda f'idejn il-pussess tas-soċjeta' konvenuta wara dan l-inċident, peress li dan

semma d-data ta' Diċembru 2015. Irriżulta li l-attur kien impjegat mas-soċjeta' konvenuta bħala *heavy plant operator,* u dana in vista tax-xhieda mogħtija minn kollegi ta' l-attur u kif ukoll mill-imgħallem ta' l-istess attur, Joseph Magro. Din il-Qorti tinnota li d-dokumenti li eżebixxa l-attur dwar is-salarju tiegħu JF Services Ltd (liema dokumenti jkopru s-snin 2017, 2018 u 2019 u mhux l-2015), iżda madanakollu x-xhieda prodotti u li jaħdmu ma' l-istess attur inkluż l-attur innifsu fir-rikors ġuramentat tiegħu, iddikjaraw bil-ġurament li l-attur kien jaħdem mas-soċjeta' konvenuta. Għalkemm l-attur kien jippreċepixxi l-paga mingħand il-kumpanija JF Services Ltd, pero' ix-xogħol li kien jagħmel sabiex jingħata dik il-paga kien mal-kumpanija konvenuta Wasteserv Limited. Għaldaqstant, kienet is-soċjeta' konvenuta li kienet qed taġixxi *qua* l-*employer* ta' l-attur

Irriżulta wkoll mix-xhieda tal-kollegi ta' l-attur u ċioe' Joseph Cordina u Joseph Gauci li meta seħħ l-inċident, huma inkluż l-attur kienu ġew mogħtija struzzjonijiet mill-imgħallem tagħhom Joseph Magro biex dakinhar ta' l-inċident, minflok jirraportaw għax-xogħol ġewwa tal-Qortin, Xagħra, jirraportaw għax-xogħol f' Tal-Kus, Xewkija, Għawdex. Dawn l-istruzzjonijiet mogħtija ġew ukoll ikkonfermati mill-imgħallem Joseph Magro li fix-xhieda tiegħu kkonferma bil-ġurament li ġie mqabbad mis-COO Anfrea Brincat sabiex iniżżel ammont ta' ħaddiema ġewwa tal-Kus, fix-Xewkija fuq bażi ta' overtime. Fix-xhieda tiegħu, Magro sostna li dawn l-istruzzjonijiet ingħataw bil-miktub permezz ta' email iżda dan l-email baqa' ma ġiex ippreżentat fl-atti ta' din il-kawża. Minkejja li kopja ta' dan l-email ma ġietx ippreżentata, mill-provi miġbura, jirriżulta u lanqas ma ġie kontestat li kienu fuq struzzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta li l-attur u kollegi oħra tiegħu rrapportaw għax-xogħol dakinhar ta' l-inċident ġewwa tal-Kus Xewkija.

Din il-Qorti tqis li rriżulta b' mod ċar u espress li meta seħħ l-inċident, l-istruzzjonijiet li ngħataw lill-attur kienu qed jiġu mogħtija lilu u lil kollegi tiegħu mill-imgħallem tagħhom Joseph Magro u mhux minn terzi persuni li kienu qegħdin jaħdmu ġewwa dan l-impjant. L-inċident seħħ peress li l-attur ġie mogħti struzzjonijiet mill-imgħallem tiegħu biex permezz tal-banju tal-gaffa iressaq t-tqattigħ tal-*green waste* (li kien qed jitqatta' minn *shredder* u jitpoġġa ġo *container*) ħalli b' hekk ikun hemm iktar wisa' ġol-*container* u jesa' aktar *green waste.* Irriżulta mix-xhieda ta' l-imgħallem Joseph Magro li l-attur kellu esperjenza f' dan ix-xogħol u kien affidabbli filwaqt li kien jaf x' kellu jagħmel.

Madanakollu, meta kien sejjer biex isuq il-gaffa, l-attur josserva biċċa injama li kienet fl-art u meta mar biex ineħħiha biex b' hekk ikun jista' jgħaddi bil-gaffa ħalli jeżegwixxi l-istruzzjonijiet mogħtija mill-imgħallem tiegħu impjegat mas-soċjeta' konvenuta, huwa spiċċa waqa' f' bokka tal-ġibjun li kien hemm mgħottija b' din l-injama. Mill-provi, jirriżulta li m' hemmx qbil dwar x' tip ta' injam kienet din li refa' l-attur, peress li min

sostna li kienet *pellet* mingħajr toqob u li b' hekk ma tistax tara x' hemm taħtha u min sostna li kienet *pellet* li kellha toqob u li b' hekk stajt tara x' kien hemm taħtha. Kull xhud ikkonferma li din it-toqba ma kellhiex *fence* madwarha jew xi tip ta' *barriers* madwarha. Joseph Magro iżda sostna li kollha kienu jafu fejn kienu sitwati dawn it-toqob, stante li kien hemm iktar toqob. Mill-banda l-oħra, il-kollegi ta' l-atturi lkoll sostnew li huma ma kinux ġew murija fejn huma dawn it-toqob. Kaġun ta' din il-waqgħa, l-attur weġġa' siequ u kellu jiġi assistit mis-Civil Protection Unit sabiex ikun jista' jittieħed l-isptar għal kura.

Din il-Qorti tqis li mill-provi prodotti jirriżulta għalhekk li s-soċjeta' konvenuta li fuq struzzjonijiet tagħha l-attur kien qiegħed jaħdem f' Tal-Kus, għandha terfa' r-responsabbilita' għal dan l-inċident, iżda mhux fl-intier. Dana qed jingħad peress li bħala l-persuna li tħaddem lill-attur, l-istess soċjeta' konvenuta kienet marbuta bl-obbligu li tipprovdi post sigur għall-ħaddiem u li tipprovdi sistemi sikuri ta' xogħol biex jitnaqqas il-perikolu. Fil-mori ta' din il-kawża, ġie ppruvat li din it-toqba kienet sempliċiment mgħottija b' biċċa injama li lanqas hemm qbil dwar jekk kinitx imtaqqba ommeno u la kellha xi *rainlings* jew xi *barriers* madwarha jew xi sinjali oħra biex twissi lil dak li jkun dwarha.

Mill-banda l-oħra, l-artikolu 7(1) tal-Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta jimponi fuq il-ħaddiem l-obbligu li jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f' sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f' kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel (Vide Richard Farrugia vs Elbros Construction Limited, Prim Awla, deċiża 30 ta' Ottubru, 2008). Ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri ażżardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru (Vide Kevin Mallia vs Alf. Mizzi & Sons Ltd, Prim Awla, deciza 9 ta' Ottubru,2003). In oltre, jekk jintwera li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew anke b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh, allura r-responsabbilita' ma tibqax aktar ta' min iħaddem, anzi di piu f' dawk iċ-ċirkostanzi r-responsabbilita' ta' min iħaddem tista' wkoll tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel (Malcolm James Carter vs CC. Carparks p.l.c, Prim Awla, deċiża 4 ta' Novembru, 2015 (mhux appellata).

Fil-każ odjern, din il-Qorti tqis li l-attur kellu jimxi b' iktar prudenza u kawtela fis-sens li meta ra li biex jeżegwixxi l-istruzzjonijiet mogħtija mill-imgħallem tiegħu (ċioe' li jutilizza l-gaffa) kien jinħtieġ li jneħħi din l-injama li kien hemm fl-art, huwa messu staqsa r-raġuni għalfejn kien hemm tali injama ma' l-art (anke billi jsaqsi lil rappreżentanti ta' Bonnici Brothers li kienu fuq il-post jew lill-imgħallem tiegħu) u meta mar biex ineħħiha, messu qgħad attent biex l-ewwel jara x' kienet qegħda tgħatti din l-

istess injama. Dan kien aġir traskurat min-naħa tiegħu u għalkemm ma jeżonerax lil min iħaddem mir-responsabbilitajiet tiegħu, xorta waħda dan għandu jiġi meħud in konsiderazzjoni minn din il-Qorti. Bl-aġir tiegħu, l-attur rrenda lilu nnifsu suġġett għall-perikolu.

Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li l-attur għandu wkoll jinstab limitatament responsabbli għal dak li seħħ u per konsegwenza qed tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta kienet responsabbli għal dan l-inċident in eżami f' 90% mentri l-attur kien responsabbli għal dak li seħħ fir-rata ta' 10%.

**Likwidazzjoni ta' danni**

Fis-sistema tagħna, id-danni likwidati jkopru kemm dawk attwali (*damnum emergens*) u kemm dawk li jolqtu telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*).

***Damnum Emergens***

Jirriżulta illi bħala *Damnum Emergens*, ir-rikorrenti ippreżenta is-segwenti riċevuti li ma ġewx ikkontestati mis-soċjeta' konvenuta:

i. riċevuta għal xiri ta' mediċina minn Taċ-Ċawla Pharmacy datata 21 ta' Novembru 2015 ammontanti għal €5.95ċ; (total ta' €3.10ċ u €2.85ċ) (DOk BVX1);

ii. riċevuta għal xiri ta' mediċina minn Taċ-Ċawla Pharmacy datata 13 ta' Novembru 2015 ammontanti għal €6.65ċ; (total ta' €2.85ċ u €3.80ċ u €2.85ċ) (Dok BVX1);

iii. invoice u riċevuta minn Wurth datata 1 ta' Novembru 2017 għal xiri ta' safety boots fl-ammont ta' €50.27ċ (Dok BVX2);

iv. riċevuta maħruġa minn Alec Sultana datata 16 ta' Jannar 2017 li minnha jirriżulta li tħallset is-somma ta' €200 għal servizzi professjonali reżi (Dok BVX3); u

v. riċevuta maħruġa fis-16 ta' Jannar 2017 minn Saint James Hospital f' ammont ta' €6 (Dok BVX3).

It-total ta' dawn l-irċevuti jammonta għal €268.87ċ u mhux għal €322.79ċ kif sostna l-attur fin-nota ta' l-20 ta' Marzu 2019.

***Lucrum Cessans***

L-Artiklu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili jistipula kif għandhom jitqiesu d-danni minħabba telf ta' qliegħ futur:

*"Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija… t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib."* (P.A. 30.11.2001 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Schembri vs David Tanti).

Dwar l-entita tal-ammont li għandu jiġi likwidat bħala Lucrum Cessans, il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

**- Introjtu**

Jirriżulta, mid-dokumentazzjoni ppreżentata mir-rikorrenti, illi l-introjtu tar-rikorrenti kien kif ġej:

a. Għas-sena 2017 – *gross emoluments* kienu fl-ammont ta' €21,581.952

b. F' Settembru 2018 tħallas *gross pay* fl-ammont ta' €1867.527 u *net pay* fl-ammont ta' €1540.25;

c. F' Ottubru 2018, tħallas *gross pay* fl-ammont ta' €1807.189 u *net pay* fl-ammont ta' €1468.110;

d. F' Novembru 2018, *gross pay* fl-ammont ta' €1626.464 u *net pay* fl-ammont ta' €1345.130;

e. F' Diċembru 2018, *gross pay* fl-ammont ta' €1990.945 u *net pay* fl-ammont ta' €1604.870;

f. F' Jannar 2019, *gross pay* fl-ammont ta' €2112.426 u *net pay* fl-ammont ta' €1721.870.

Jirriżulta illi l-inċident odjern seħħ fit-22 ta' Ottubru 2015 u għalhekk kellhom jitressqu provi dwar x' kien l-introjtu fis-sena 2015 u cioe' fid-data ta' l-inċident. Din il-Qorti ma ġietx fornuta bil-provi dwar l-introjtu illi r-rikorrenti kien jipperċepixxi fid-data tal-inċident, ossija fis-sena 2015.

Skont Dok BVX4, fis-sena 2017, il-*gross emoluments* ta' l-attur kienu fis-somma ta' €21581.952.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-kalkolu għandu jkun fuq il-*gross pay*. Il-Qorti hija konsapevoli li teżisti ġurisprudenza konfliġġenti dwar dan il-punt u ċioe' dwar jekk l-introjtu għandux ikun kalkulat bħala *gross pay* jew *net pay*. Fil-każ **Louis Spiteri et vs Citadel Insurance plc et deċiż fit-3 t'Ottubru 2018** il-Prim' Awla kienet qalet hekk-

*"Il-Qorti hija konxja li l-ġurisprudenza hija konfliġġenti dwar dan il-punt. Huwa minnu li hemm ġurisprudenza, kwotata mis-soċjeta' konvenuta li tiffavorixxi l-kalkoli a bażi tas-somma netta ta' salarju perċepit mid-danneġġjat. Iżda hemm ukoll ġurisprudenza oħra li timxi a bażi tal-paga gross. Din il-Qorti kif preseduta, kif diġa' kellha okkażjoni tagħmel f'kawżi ta' natura simili timxi in linea mas-salarju gross tad-danneġjat għax fil-fehma tagħha mhuwhiex kompitu tal-Qrati li jidħlu huma fil-kwistjonijiet ta' taxxa li strettament jispettaw lill-parti danneġġjata u d-Dipartiment tat-taxxi.*

*Hekk kif ingħad fil-każ* ***Ronnie Spiteri et vs Paza Ltd et deċiż fid-29 ta' Settembru 2016*** *–*

*"Il-posizzjoni tal-Qrati tagħna – din il-Qorti tgħid – ġustament – hija li l-fattur rilevanti huwa l-gross wage għaliex it-taxxa fuq id-dħul u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` soċjali huma rrilevanti għall-komputazzjoni tal-lucrum cessans billi dawk huma materji li jidħlu fil-kwadru tar-relazzjoni bejn id-danneġġjat u l-awtoritajiet fiskali tal-pajjiż iżda ċertament mhux fil-kuntest tar-relazzjoni bejn id-danneġġjat u d-danneġġjant."*

*Ingħad ukoll fil-każ* ***Frank Brincat et vs Claudia Camilleri deċiż fis-26 ta' Novembru 2010*** *–*

*"Dwar is-salarju tad-decujus ……jista' jingħad li t-taxxa li seta kien qed iħallas jew li kien għad fadallu jħallas il-mejjet m'għandiex tittieħed in konsiderazzjoni. Fil-kawża "****Laura Formosa et vs Emanuel Spiteri et****" deċiża minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-28 ta'April 2005 saret referenza għas-sentenza fl-ismijiet "****Muscat vs Schembri****" deċiża fis-27 ta Jannar 1972 fejn intqal li "l-income tax li seta' ħallas id-decujus ossia d-danneġġiat hi affari bejnu u l-gvern li fiha l-obbligat ma jidħolx. Bl-istess mod f'"****Micallef vs Cassar****" deċiża fl-10 ta' Mejju 1982 intqal li "l-kontribuzzjonijiet li seta' għamel id-danneġġiat għan-National Insurance m'għandhomx jitnaqqsu mill-paga."*

Il-Qorti tqis iżda li din il-*gross pay* hija dik tas-sena 2017 mentri l-inċident seħħ fl-2015. Għalhekk, minn din il-paga għandu jitnaqqas il-COLA u cioe' l-*cost of living allowance* tas-snin 2017 u 2016, li jirrappreżenta ż-żieda tal-għoli tal-ħajja li bil-liġi għandha tiġi riflessa

minn sena għal sena. Hekk kif imħabbar fid-diskorsi tal-budget fl-2017 u fl-2018 u kif jirriżulta mis-sit uffiċċjali tad-DIER, il-COLA għas-sena 2017 fil-*basic wage* għal ħaddiema *full time* kien ta' €1.75ċ kull gimgħa u ċioe' €91 mentri il-COLA għas-sena 2016 kienet ta' €1.75ċ kull ġimgħa u ċioe' €91. Għalhekk, mill-*gross pay* ta' €21581.952 għandu jitnaqqas €182. Per konsegwenza, din il-Qorti sejra tqis is-somma ta' €21,399.95ċ bħala introjtu fis-sena 2015 u li abbażi tiegħu sejra tagħmel il-kalkolazzjonijiet neċessarji (id-differenza bejn €21,581.952 u €182).

**- Rata ta' Inflazzjoni**

Jirriżulta illi tali paga trid tiġi aġġustata biex tagħmel tajjeb għar-rata ta' inflazzjoni, u skond ġurisprudenza nostrana (Vide Rik 745/2014 fl-ismijiet Anna Attard vs Malta Public Transport Services (Operations Limited) et deċiża fit-13 ta' Jananr 2021 u li minnha sar appell li għadu pendenti), għandhom jitqiesu l-medja ta' l-aħħar ħames snin. Jirriżulta illi fl-aħħar ħames snin ir-rata tal-inflazzjoni skont il-website uffiċċjali ta' *National Statistics Office* - (https://nso.gov.mt/Home/SELECTED_INDICATORS/Pages/Sub-Selected-Indicators/Prices.aspx) kienet kif ġej:

a. 2016 – 0.64%
b. 2017 – 1.37%
c. 2018 – 1.16%
d. 2019 – 1.64%
e. 2020- 0.64%

Jirriżulta, għalhekk, illi l-medja tar-rata tal-inflazzjoni li għandha tiġi kkunsidrata in linea ma' dak li qed jiġi deċiż mill-Qrati nostrana huwa ta' 1.09**%.** Il-Qorti hija konsapevoli li skont l-*inflation rate target* maħruġa b' mod uffiċċjali minn *European Central Bank,* din għandha tkun ta' 2% għall-Istati Membri taż-Żona Ewro, liema *target* qed isir in konnessjoni ma' medda ta' snin sottolinjata mill-istess bank. Madanakollu, il-Qorti sejra taddotta l-medja tar-rata tal-inflazzjoni ta' 1.09% (hekk kif ikkalkolata minnha) tenut kont li l-attur ma baqalux hajja lavorattiva twila u ma jaqax fl-ambitu ta' snin li ġew *targeted* mill-*European Central Bank* sabiex sa dak iż-żmien jintlaħaq uniformita' ta' 2% fl-Istati Membri kollha taż-Żona Ewro.

**- Multiplier**

Dwar il-*multiplier,* il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivii fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Sharon Coleiro vs Ahmed Kamel Abdel Wahab Fatmalla et deċiża fit-12 ta' Jannar 2021 (u li minnha sar appell li għadu pendenti) intqal li l-bixra ta' ħsieb tas-sentenzi ta' dawn l-

aħħar snin f'dan il-qasam qegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija sewwasew fil-massimu tal-multiplier, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqisx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara (App. Kumm. 26.7.1991 Mary Bugeja v George Agius) u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident (Kumm. 11.7.1989 Emanuel Aġius v Joseph Galea), illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qorti tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji.

Il-Qorti kompliet tispjega li huwa stabbilit li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi (App. Civ. 16.11.1983 Salvatore Mifsud v Carlo Camilleri), u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni.

Jirriżulta illi, fil-mument tal-inċident ir-rikorrenti kellha tmienja u ħamsin sena (58) u dana stante li min-numru tal-karta ta' l-identita' jirriżulta li dan twieled fil-1957. Il-Qorti sejra tqis li skont il-liġijiet viġenti persuna għandha tahdem sa ħamsa u sittien sena (65). Għalhekk, l-attur fadallu 7 snin ta' ħajja lavorattiva.

Il-Qorti qieset ir-regoli stabbiliti u suġġeriti fil-kawża Spiteri vs Fava deċiża fis-26 ta' Novembru 2012 fejn il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili użat is-segwenti *chart* biex tikkalkola l-*multiplier* hawn taħt:

| Eta' Vittma | Multiplier |
|---|---|
| | Massimu |
| 0 - 15 | 35 |
| 16 - 20 | 33 |
| 21 - 25 | 30 |
| 26 - 30 | 27 |
| 31 - 35 | 22 |
| 36 - 40 | 18 |
| 41 - 45 | 14 |
| 46 - 50 | 11 |
| 51 - 55 | 8 |
| 56 + | 6 |

(Vide wkoll tabella indikattiva fil-kawża Anthony Azzopardi u ibnu Dominic Azzopardi vs Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta – P.A - 8.03.2012).

Madanakollu, ir-regoli fuq stabbiliti ġew redatti meta l-ħajja lavorattiva kienet ta' wieħed u sittin sena (61), fattur illi llum il-ġurnata nbidel fejn persuna għandha taħdem sa ħamsa u sittin sena (65). Għaldaqstant ikun aktar opportun illi titqies bħala multiplier in-numru ta' snin wara l-inċident sakemm ir-rikorrenti joħroġ bil-pensjoni, ossija seba' snin (7).

**- Bażi tal-Paga**

Jirriżulta, minn dak fuq stabbilit, illi l-paga li għandha titqies għal fini tal-kalkoli dwar il-paga li għandha titqies mill-Qorti għal kalkoli finali, hija fis-somma ta' €21,399.95ċ. Jirriżulta illi r-rata tal-inflazzjoni li għandha tiġi kkunsidrata għandha tkun ta' 1.09%. Jirriżulta illi l-multiplier fuq stabblit huwa ta' seba' snin (7).

Għalhekk, illi l-valur komplessiv tar-rata tal-inflazzjoni 1.09% fuq id-dħul nett ta' €21,399.95ċ għal 7 snin għandu jkun ta' €1,632.82ċ.

In linea ma' dak li ntqal fid-deċiżjoni Rik 745/2014 fl-ismijiet Anna Attard vs Malta Public Transport Services (Operations Limited) et deċiża fit-13 ta' Jananr 2021 (u li minnha sar appell li għadu pendenti), sabiex il-Qorti tasal għall-ammont ġust illi għandu jiġi kkunsidrat finalment għal fini ta' komputazzjoni, il-Qorti trid taqbad id-dħul nett tas-sena 2015, ossija €21,399.95ċ, żżid miegħu l-istess dħul miżjud bil-kalkolu tar-rata tal-inflazzoni, ossija €23,032.77ċ, u tasal għal media billi, wara li tgħaqqadhom flimkien u ġġib is-somma ta' €44,432.72ċ, tipproċedi billi tiddividieh fi tnejn, bir-riżultat ikun ta' €22,216.36ċ.

Per konsegwenza, il-bażi tal-paga illi ser tintuża għal fini ta' komputazzjoni finali għandha tkun ta' €22,216.36ċ.

**- Rata ta' Diżabbilta'**

Irriżulta illi r-rikorrenti sofra diżabilita' permanenti relatata ma' siequ x-xellugia f' perċentwal ta' 5% li ma ġietx ikkontestat.

***- Lump Sum Deduction***

Dwar il-*lump sum deduction,* skont il-ġurisprudenza nostrana l-Qorti għadha tnaqqas il-valur ta' għoxrin fil-mija (20%) riżultat tal-fatt illi ser titħallas '*lump sum*' lir-rikorrenti in linea ta' danni. Fil-ġurisprudenza nostrana, ddaħħlet ukoll prassi illi, wara tlett snin, minn tali persentaġġ jibda jitnaqqas perċentwali ta' tnejn fil-mija (2%) sabiex jiġi penaliżżat id-dewmien tal-proċeduri. Il-kawża ġiet ippreżentata fl-2017 u ser tiġi deċiża fl-2021.

Din il-Qorti iżda tagħmel referenza għal dak li qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Sharon Coleiro vs Ahmed Kamel Abdel Wahab Fatmalla et deċiża fit-12 ta' Jannar 2021 (u li minnha sar appell li għadu pendenti):

"*Kif diġa` ngħad minn din l-istess Qorti kif ippreseduta, 'mhix sejra, kif soltu jsir, tagħmel tnaqqis minħabba li qiegħda tingħata lump sum. Tnaqqis bħal dan kien jagħmel sens sa ftit tas-snin ilu meta l-banek kummerċjali kienu jagħtu sa madwar 5% għal depożiti fissi. Li kien ifisser li f'ċerti każijiet, il-vittma kienet tieħu permezz tal-imgħax, somma ekwivalenti għall-paga li kien ikollha li kieku ma seħħx l-inċident; u fl-aħħar mill-aħħar tibqa' bis-somma kapitali f'idejha. Dan iżda mhuwiex il-każ fiż-żminijiet tal-lum, fejn l-imgħax huwa prattikament negliġibbli, u l-kapital ikollu "jittiekel"; fi kliem ieħor jiġi kkunsmat.'* Trevor Grech vs Lawrence Agius – Qorti Ċivili, Prim'Awla, 17 ta' Ottubru 2018)

Il-Qorti sejra għalhekk ma tagħmel l-ebda tnaqqis minħabba li qed tingħata *lump sum.*

**- Kalkoli Finali**

In vista tas-suesppost, għandhom jirriżultaw s-segwenti elementi sabiex isir il-kalkolu finali:

a. Ir-Rata ta' Diżabbilta' hija ta' 5%.
b. Il-Multipier huwa ta' 7 snin.
c. Il-bażi tal-paga hija ta' €22,216.36ċ.

Ikkunsidrati dawna il-fatturi kollha, l-kalkolu għal *Lucrum Cessans* għandu jkun ta' €22,216.36ċ x 5% x 7 bit-total ikun ta' **€7,775.73ċ.**

Magħdud ma' tali somma, għandhom jiżiedu l-ammont ta' €268.87ċ ġia stabbiliti bħala *Damnum Emergens.*

Għalhekk, d-danni totali jammontaw komplessivament għal **€8,044.69ċ.** Peress li s-soċjeta' konvenuta qed tinstab responsabbli għal dan l-inċident fil-percentwal ta' 90%, d-danni li sejrin jigu likwidati a favur tar-rikorrenti u liema s-soċjeta' konvenuta sejra tiġi kkundannata tħallas jammontaw għal **€7,240.14ċ.**

Fuq nota finali din il-Qorti tqis li tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ fejn is-soċjeta' intimata għażlet li ma tipparteċipax f' dawn il-proċeduri u baqgħet kontumaċi kif ukoll baqgħet qatt ma dehret f' din il-kawża fl-ebda seduta, l-ispejjeż relatati ma' din

il-proċedura u ma' l-ittri uffiċċjali mibgħuta mill-attur fil-konfront tas-soċjeta' intimata jiġu sopportati fl-intier tagħhom mill-istess soċjeta' intimata.

**Decide**

Għar-raġunijiet fuq esposti, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċidi din il-kawża billi:

i. Tilqa' l-ewwel talba attriċi limitatament fis-sens li tiddikjara li s-soċjeta' mħarrka Wasteserv Malta Limited kienet responsabbli għall-inċident li seħħ fit-22 ta' Ottubru 2015 fl-impjant tal-WasteServ ġewwa tal-Kus fix-Xewkija, Għawdex u li fih weġġa' l-attur Benigno Vella fir-rata ta' 90%, filwaqt li l-attur responsabbli fir-rata ta' 10% minħabba l-kontributorjetà għal dak li ġralu;

ii. Tilqa' t-tieni talba ta' l-attur u ssib li l-attur Benigno Vella sofra debilita' permanenti f'saqajh;

iii. Tilqa' it-tielet talba fis-sens li tillikwida d-danni sofferti mill-attur u li għandhom jiġu mħallsa mis-soċjeta' intimata fis-somma ta' sebat elef, mitejn u erbgħin Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€**7,240.14ċ**).

iv. Tilqa' r-raba' talba u tikkundanna lis-soċjeta' intimata Wasteserv Malta Limited tħallas lill-attur is-somma ta' sebat elef, mitejn u erbgħin Ewro u erbatax-il ċenteżmu (**€7,240.14c**) flimkien ma' l-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv.

v. Tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawża inklużi dawk ta' l-ittri uffiċċjali datati tnejn ta' Settembru 2016 u 13 ta' Ottubru 2017 jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjeta' konvenuta.

(ft) Simone Grech
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur